# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 4 ta' Marzu, 2022

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 6/2021 ISB**

**MadeinSpain Limited (C-58602) u b' digriet tal-5 ta' April, 2022 il-Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur u kull fejn jinħtieg fl-atti tal-kawża billi n-numru ta' reġistrazzjoni (C-58602) għandu jiġi sostitwit bin-numru (C-56802).**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti **MadeinSpain Limited (C-58602),** pprezentat fil-25 ta' Jannar 2021, li permezz tieghu hija esponiet bir-rispett:

1. *Illi l-locus standi tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l- artikolu 218 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

2. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur tal-Artikoli 214(1)(a) ta' l-Att Dwar il-Kumpannijji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta), permess ta' liema qieghed jintalab l-stralċ tas-soċjeta' esponenti;*

3. *Illi s-soċjeta' esponenti ġiet kostitwita fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tal-elfejn u tnax (2012) (DOK A) bħala Limited Liability Company; u kopja ta' l-istatut ta' MadeinSpain Limited jinsab hawn anness u mmarkat DOK B*

4. *Illi s-soċjeta' esponenti kienet attiva u topera fl-industrija tat-turiżmu billi kienet torganizza tours u attivitjiet primarjament għal-studenti Spanjoli li kienu jiġu hawn Malta biex jitgħallmu l-Ingliż;*

5. *Illi minħabba l-preżenti sitwazzjoni tal-COVID19 li ila għaddejja diversi xhur, dina l-industrija ħadet daqqa kbira, peress illi n-numru ta' studenti barranin ġejjin Malta biex jitgħallmu l-Ingliż naqas drastikament, b'mod speċjali dawk ġejjin minn Spanja, minħabba l-fatt li l-firxa tal-COVID19 kienet estensiva u severa ħafna fi Spanja;*

6. *Illi minħabba s-suespost d-direttur tas-soċjeta' esponenti huwa tal-fehma li l-istess soċjeta' m'għandiex assi suffiċjenti biex tkopri d-djun tagħha u b'hekk tinstab fi stat ta' insolvenza;*

7. *Illi għalhekk Illi l-kumpannija rikorrenti tikkonferma illi fis-16 ta`Diċembru 2020 ttieħdet riżoluzzjoni straordinarja ta` l-istess kumpannija rikorrenti MadeinSpain Limited (DOK C) permezz ta` liema, b`vot unanimu ġie deċiż li l-imsemmija kumpannija tigi stralċjata u xolta minn din l-Onorabbli Qorti.*

8. *Illi din ir-riżoluzzjoni tas-soċjeta rikorrenti ttieħdet ai termini ta` l-Artikolu 214(1)(a) u ġiet approvata mill-azzjonisti kollha ta` l-istess kumpannija.*

9. *Illi ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 214(1)(a) ġaladarba s-soċjeta tirrizolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li s-soċjeta għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti, is-soċjeta għandha xxolji u konsegwentement tigi stralċjata u għalhekk il-qorti għandha tordna tali xoljiment u stralc.*

10. *Illi għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjeta' esponenti qedgħa umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna::*

1. *Tordna illi s-soċjeta' MadeinSpeain Limited tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Artikoli 214(1)(a) ta' l-Att*

*Dwar il-Kumpannijji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan a tenur tal-Artikolu 218(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji, bl-ispejjeż a karigu tal-istess soċjeta';*

2. *Tagħti kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors (Doks a fol 5 sa fol 19).

Rat id-digriet taghha (kif diversament preseduta) tal-1 ta' Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-20 ta' Mejju 2021 f'12:00pm.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-30 ta' Marzu 2021 (ara tergo ta` fol 22).

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2021 deher Jorge Visioso Barrios ghas-socjeta` rikorrent debitament assist u talba zmien sabiex iressaq il-provi, liema talba l-Qorti akkordat.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2021 gie pprezentat affidavit tal-imsemmi Jorge Visioso Barrios b'numru ta' dokumenti.

Rat illi fl-istess udjenza mizmuma d-difensur tas-socjeta` rikorrenti iddikjarat illi ma kellhom aktar provi xi jressqu u li l-proceduri setghu jithallew ghall-provvediment, kif qed isir illum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa procediment li ttiehed mill-kumpannija kummercjali MadeinSpain Ltd (C-58602) ai termini tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara rizoluzzjoni straordinarja tal-istess kumpannija tas-16 ta' Dicembru 2020 (DOK C mar-Rikors promotur).

Illi din hija socjeta` kummercjali b'responsabbilita' limitata giet registrata fis-27 ta' Gunju 2012 u l-fuq msemmi Jorge Visioso Barrios huwa l-uniku azzjonist, direttur u anke s-segretarju tal-kumpannija de quo.

Il-kumpannija ppremettiet illi hija kienet attiva u topera fl-industrija tat-turizmu partikolarment fis-settur studentesk minn Spanja sabiex studenti Spanjoli jigu jitghallmu l-Ingliz hawn Malta.

Tippremetti il-kumpannija rikorrenti illi bil-Covid19 l-operat taghha ha daqqa kbira u hesrem waqaf l-operat taghha b'mod illi illum qeghda fi stat fejn l-assi taghha ma jkoprux id-djun taghha u ghalhekk tinsab fi stat ta' insolvenza.

Illi konsegwenza ta' din is-sitwazzjoni, hija kellha tghaddi rizoluzzjoni fis-16 ta' Dicembru 2020 sabiex jittiehdu dawn il-proceduri ghall-istralc tal-kumpannija.

### Ikkunsidrat ulerjorment:

Illi **Jorge Visioso Barrios**, direttur uniku tal-kumpannija rikorrenti, permezz tal-affidavit tieghu ighid illi kien ilu jahdem Malta ghal seba' snin u f'Gunju 2018, huwa gab il-licenzja ta' gwida tat-turisti. Jghid illi iz-zmien kollu li hadem Malta huwa hadem ma' turisti, partikolarment minn Spanja filwaqt illi martu, Sandra, li hija ukoll Spanjola, tiehu hsieb il-promozzjoni u l-bejgh ta' korsijiet fil-lingwa Ingliza lill-istudenti Spanjoli.

Huwa jispjega illi fis-sena 2016, f'Dicembru, huwa xtara l-kumpannija kummercjali mertu ta' dawn il-proceduri u sar l-unku direttur b'mod immedjat. Assuma r-rwol ta' direttur manigerjali u kien responsabbli ghall-istrategija tal-kumpannija u d-direzzjoni li kellha tiehu. Kienet u baqghet kumpannija attiva iggib studenti Spanjoli Malta biex jiehdu korsijiet fil-lingwa Ingliza.

Jghid illi meta hu akkwista l-kumpannija, inghalqu l-kontijiet li kellha mal-Bank of Valletta Plc u fetah kont bl-ammont ta' l-fuq minn elfejn Euro fil-Bank Satabank. Jispjega illi sussegwenatament inghalaq il-Bank Satabank fuq ordni ta' awtoritajiet kompetenti minhabba investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin, bil-konsegwenza illi huwa kellu jopera b'mod differenti tant illi dahal f'arrangament esklussiv mal-Malta University Language School sabiex maghha jippromwovi s-suq Spanjol.

Jghid illi l-kumannija kellu tragwardi illi tilhaq tlieta u telin elf Euro fis-sena 2018 izda lahqet biss tmintax il-elf. Ghas-sena 2019, it-tragward kien ta' wiehed u erbghin elf Euro izda ntlahaq biss hamsa u ghoxrin elf Euro. Jispjega illi l-flus kollha li hallsu l-klinjenti thallsu direttament fil-kont tal-Malta University Language School u ghalhekk il-kumpannija ma kellix vizibilita' tal-istess fondi.

Jispjega illi fis-sena 2019 beda jirriskontra problemi personali izda il-Malta University Language School inkorraggiet jkompli, u bidel il-marketing strategy u ghamle investiment ulterjuri li pero` x-xhud ma jispjegax x'kien.

Jispjega illi mbaghad giet l-imxija tal-Covid19 li hassret il-pjanijiet kollha u fehem illi ma setghax jonora l-obbligi tal-kumpannija. Jghid illi l-ghajnuna li ha minn ghand il-Gvern ta' Malta fil-perjodu tal-Covid19 ma kienx bizzejjed biex il-kumpannija tibqa' topera u ghalhekk gharraf lill-Malta University Language School li huwa kien ser jaghaq l-operat u jmur lura Spanja.

Ix-xhud esebixxa d-dokumentazzjoni finanzjarja relattiva kif preparata mill-accountant tal-kumpannija, Fabiano Bugelli.

### L-Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

**L-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

*Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu(1) -*

*(a) kumpanija tista ̓ xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi*

*li ġejjin –*

*(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;*

Ghalkemm mhux espressament msemmi, jidher illi l-azzjoni proprosta hija msejjsa ukoll fuq dan l-artikolu tal-ligi, peress illi mid-deposizzjoni ta' Jorge Visioso Barrios jirrizulta car illi l-kumpannija ma tistax thallas id-djum akkumulati.

**L-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artiklu 218(1) jghid espressament hekk:

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*

*(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi r-rizoluzzjonijiet straordinarja mehuda fis-16 ta' Dicembru 2020, DOK C, ma taghmel ebda referenza ghall-problemi li l-kumpannija *de quo* irriskontrat biex tkompli topera, u hija monka minn kwalsiasi motivazzjoni li wasslet lil kumpannija ghal dik ir-rizoluzzjoni. Dak li taf il-Qorti tafu mbaghad mid-depozizzjoni moghtija mill-uniku azzjonist u direttur tal-kumpannija.

Il-Qorti tifhem illi l-pandemija Covid19 ma ghenitx ic-cirkostanzi li gja kienu prekarji tal-kumpannija – peress illi jidher illi minn qabel il-pandemija il-kumpannija ma kinitx qed tilhaq it-targets taghha li ntrabtet bihom. Jirrizulta pero`, mid-dokumenti esebiti, illi l-

kumpannija kienet ilha taghmel telf sena wara sena, almenu sa mis-sena 2015, is-sena qabel ma' l-imsemmi Jorge Visioso Barrios xtara u akkwista il-kumpannija.

Din il-Qorti trid ukoll tirrimarka illi l-uniku xhud mressaq, is-sid u l-beneficjarju ewlieni tal-kumpannija, ighid illi fis-sena 2019, bi preparazzjoni ghas-sena 2020 kien ghamel investiment "*did another investment*" fil-kumpannija – b'dana kollu l-Qorti mhux biss tinnota illi huwa ma elaborax u ma qalx x'kien dan l-investiment, izda lanqas ma jirrizulta tali investiment mill-*Financial Statements* minnhu stess ppresentati.

Din il-Qorti issib stramb ukoll kif u ghaliex il-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc "were cancelled" fil-mument illi Jorge Visioso Barrios akkwista l-kumpannija u l-istess diretturi u azzjonista naqas milli jispjega ghaliex.

Minhabba dawn l-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ser taghti provvedimenti specifici kif ser jirrizulta aktar l-isfel.

Fin-nuqqas ta' prova jew dikjarazzjoni kuntrarja, il-Qorti ghandha ghaliex tifhem ukoll illi dawn il-proceduri huma meqjusa bhala main insolvency proceedings ai termini tal-Artiklu 3 u 4 tar-**Regolament EU 2015/848** tal-20 ta' Mejju 2015.

Dan kollu maghdud, jibqa' l-fatt (a) illi r-rizoluzzjoni straordinarja saret u saret ghal ragunijiet legittimi fic-cirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija, u, (b) illi hemm diffikultajiet kbar biex il-kumpannija thallas id-djun taghha, u,

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi gew sodisfatti il-voti tal-ligi sabiex tkun tista` tghaddi biex takkolja it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda <u>tilqa' t-talbiet kif dedotti</u> fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **MadeinSpain Limited (C-58602)** tigi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralcjata a bazi tal-artiklu 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tahtar** lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija **MadeinSpain Limited (C-58602).**

3. **Taghti** lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Jiehu taht il-kustodja u l-kontroll tieghu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **MadeinSpain Limited (C-58602)** jista' ghandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

f) Jinvestiga ir-rizultanzi dubbjuzi li l-Qorti dehrilha opportun issemmi aktar il-fuq, principalment; (i) l-eghluq tal-facilitajiet bankarji mal-Bank of Valletta plc meta l-imsemmi Jorge Vicioso Barrios akkwista l-kumpannija u (ii) d-dikjarazzjoni tieghu illi fis-sena 2019 ghamel investiment fil-kumpannija li huwa ma spjegax x'kien u lanqas ma jirrizulta mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji minnhu stess esebiti.

4. **Tordna** lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti **MadeinSpain Limited (C-58602) u Jorge Vicioso Barrios detentur tal-karta tal-identita' Maltija 72637(A)** flimkien u in solidum bejniehtom.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi minghajr dewmien ir-Registratur tal-Qrati jghaddi kopja legali ta' din id-decizjoni lir-Ricevitur Ufficjali u lir-Registratur tal-Kumpanniji u qed thalli l-istralc ghar-rapport ta' l-istess Ricevitur Ufficjali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**

Deputat Registratur